MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-28 ta' Frar, 2007

Appell Civili Numru. 283/2004/1

**Raymond u Rita konjugi Brincau**

**vs**

**Martin Vella u b' digriet tas-6 ta' Jannar tas-sena 2005 gie nominat Dr. Vincent Galea bhala Kuratur Deputat sabiex jirrapprezenta lill-assenti Martin Vella**

**Il-Qorti,**

Fit-3 ta' Ottubru, 2006, il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"Il-Qorti,

Rat l-avviz fuq indikat datat l-24 ta' Marzu tas-sena 2004 li permezz tieghu l-atturi sejhu lill-konvenut quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:

1. Illi jhallas lill-atturi d-danni fl-ammont ta' elfejn u tmien mitt Lira Maltin, (LM2,800.00,0), rapprezentanti hsarat fuq il-vettura ta' l-atturi bin-numru ta' registrazzjoni HAT – 827 bhala konsegwenza ta' incident tat-traffiku li sehh fit-2 ta' Lulju tas-sena 2002 ghall-habta ta' 12.30a.m. fi Triq San Guzepp, Santa Venera, Malta bejn il-vettura Peugeot 605 bin-numru ta' registrazzjoni EAX – 853 misjuqa mill-konvenut u l-vettura Maruti 800 bin-numru ta' registrazzjoni HAT – 827, misjuq minn Shawn Brincau u proprjeta' ta' Raymond u Rita konjugi Brincau, ghal liema incident il-konvenut kien responsabbli minhabba negligenza u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu;

2. Bl-ispejjez u bl-imghax legali u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni;

Rat l-ordni taghha datat is-6 ta' Jannar tas-sena 2005 li permezz tieghu innominat Kuratur Deputat sabiex jirrapprezenta lill-konvenut stante li assenti minn dawn il-gzejjer;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-Kuratur Deputat datata s-16 ta' Frar tas-sena 2005 li permezz taghha eccepixxa s-segwenti:

1. Illi l-konvenut proprio jaccetta r-responsabbilita' ghall-incident mertu tal-kawza izda jikkontesta l-kap ta' l-ispejjez stante li la huwa u lanqas l-assikurazzjoni tieghu ma gew interpellati sabiex jaddivjenu ghall-likwidazzjoni u hlas tad-danni reklamati mill-atturi;

2. Illi l-atturi ghandha iressqu prova dwar l-ammont mitlub u ghalhekk l-eccipjenti qed jirriservaw li jressqu eccezzjonijiet ulterjuri fir-rigward;

3. Bl-ispejjez kontra l-atturi;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Evalwat l-affidavit prodott;

Ezaminat id-dokumenti esebiti;

Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi l-procedura odjerna tista’ tigi sintetikament kompilata bil-mod segwenti:

1. Illi in vista ta’ l-ewwel eccezzjoni tal-Kuratur Deputat, ir-responsabbilita’ ta’ l-incident awtomobilistiku in dizamina hi ammessa;

2. Illi ghaldaqstant fil-meritu ir-responsabbilita’ ta’ l-incident de quo tirrizulta debitament konsolidata ex admissis u qed tastjeni milli tipprocedi ulterjorment fir-rigward;

Ikkunsidrat:

Illi l-lanjanza tal-konvenut hi limitata fuq il-quantum reklamat mill-atturi bhala konsegwenza ta’ l-azzjonijiet irresponsabbli tal-konvenut;

Illi in sintesi, d-danni reklamati huma s-segwenti:

1. Illi kawza ta’ l-imsemmi incident, il-vettura proprjeta’ ta’ l-atturi giet dikjarata li kienet impossibbli li tigi rrangata;

2. Illi l-valur taghha qabel l-incident de quo kien indikat bhala li jammonta ghal elfejn u erba’ mitt Lira Maltin, (LM2,400.00,0);

3. Illi l-valur tal-vettura de quo wara l-incident kien stabbilit fl-ammont ta’ mitejn u hamsin Lira Maltin, (LM250.00,0);

4. Illi in oltre l-attur jirrizulta li hallas l-ammont ta’ tnax –il Lira Maltin, (LM12.00,0), ghar-rapport tas-“survey”;

5. Illi l-attur kien kostrett jiggaraxxja r’”wreck” bir-rata ta’ Lira Maltija, (Lm1.00,0), kul jum mill-15 ta’ Marzu tas-sena 2003, fejn ghadha;

Ikkunsidrat:

Illi l-konvenut ghazel li ma jipprezentax xhieda;

Ikkunsidrat:

Illi l-attur ghazel li jitlob ammont fiss u pre-determinat fl-avviz tieghu minghajr ma jitlob varjazzjoni, jekk ikun il-kaz u ghalhekk hu kkonsidrat li dan hu l-limitu tal-vertenza odjerna;

Ikkunsidrat:

Illi jirrizulta li tul din il-vertenza l-attur dejjem agixxa in buona fede u mhux biss ipprezenta d-dokumentazzjoni necessarja ghall-lanjanza tieghu izda addirittura illimita t-talba tieghu ghal ammont anqas minn dak li jirrizulta dovut;

Illi din il-qorti tqis li l-atturi ppruvaw il-kaz taghhom skond il-ligi u t-talbiet taghhom jimmeritaw l-avall ta’ din il-qorti;

Ghaldaqstant, din il-qorti, filwaqt li tirrespingi l-eccezzjonijiet sollevati fil-konfront ta’ l-atturi, tilqa’ t-talbiet attrici u konsegwentement:

1. Tiddikjara li l-konvenut Martin Vella kien esklussivament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku ndikat fl-avviz promotur;

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-konvenuti fl-ammont ta’ elfejn u tmien mitt Lira Maltin, (LM2,800.00,0), kif minnhom indikat fl-istess avviz promotur;

3. Tikkundanna lill-konvenut Martin Vella biex ihallas lill-atturi Raymond u Rita konjugi Brincau l-ammont hekk likwidat, bl-ispejjez u bl-imghaxijiet skond il-ligi."

Kontra din is-sentenza l-konvenut, kif rapprezentat fil-gudizzju minn kuratur, javvanza dawn iz-zewg kapi ta' aggravji. Il-wahda, fil-kontestazzjoni tal-likwidazzjoni tad-danni u l-ohra fir-rigward ta' l-ispejjez tal-kawza;

Mill-atti tal-kawza quddiem l-ewwel Qorti jirrizulta li l-konvenut ammetta r-responsabilita` tieghu ghas-sinistru pero`, b' opposizzjoni, issottometta illi l-atturi kienu tenuti jiddemostraw is-sussistenza tad-danni minnhom reklamati. Huwa ikkuntrasta wkoll l-kap ta' l-ispejjez fuq l-assunt illi qatt ma gie notifikat b' intima ghall-hlas tad-danni fil-fazi pre-processwali;

Huwa sew pacifiku illi fi kwestjoni ta' likwidazzjoni ta' danni l-gudikant irid joqghod in bazi ghall-elementi probatorji akkwiziti fil-process, senjatament il-prova mill-attur ta' l-entita` taghhom u ta' kull kontestazzjoni dwarhom mill-kontroparti. F' dan, ghandu jkun gwidat minn dik ir-regola li tfittex, bhala funzjoni primarja tar-rizarciment, li d-danneggjat ikun ikkompensat kif imiss ghall-pregudizzju arrekat u l-qaghda tighu, antecedenti l-atti illecitu, debitament restawrata. F' dan ma hemm xejn gdid li ma nsibuhx f' diversi gudikati tal-Qrati tagha;

Hu difatti insenjament ben segwit illi "in tema ta' kompensazzjoni ta' danni l-attur ghandu kemm jista' jkun jigi mqieghed fil-posizzjoni li hu kien ikollu kieku ma gietx kagunata l-hsara" ("**John Tufigno -vs- Joseph Micallef nomine**", Appell Civili, 23 ta' April 1965). Dan fis-sens li "d-danneggjat ghandu dritt jikkonsegwixxi rizarciment li jirrientegra l-patrimonju tieghu minn kull konsegwenza ekonomika ta' l-event dannuz" ("**Antonio Zammit -vs- Mario Calleja**", Appell Inferjuri, 12 ta' Jannar 1977);

Naturalment jinsab kawtelat illi "l-ligi trid li min ikun responsabbli ghad-danni ghandu jhallas kull dannu li ragonevolment jitqies bhala konsegwenza diretta tal-fatt illecitu" ("**Carmelo Bugeja -vs- Lorenzo Cassar**", Appell Civili, 1 ta' April 1966). Ma' dan huwa allura akkoppjat il-principju illi min isofri d-dannu ghandu jaghmel mill-ahjar sabiex inaqqas l-estensjoni taghhom u jissalvagwardja, bhala *bonus paterfamilias*, l-interess ta' min ikun tenut ihallashom. Ara "**Antonio Sciberras *et* -vs- Gio Maria Muscat *et***", Prim' Awla, Qorti Civili, 24 ta' Ottubru 1966;

Dan premess, opportunement ghandu jitfakkar illi, kif enuncjat, "il-kwestjoni ta' x' inhu ragonevoli li jaghmel id-danneggat biex jimmitiga l-hsara hi kwestjoni ta' fatt li ghandha tigi konsidrata fic-cirkustanzi ta' kull kaz partikulari u l-oneru tal-prova f' dan ir-rigward specifiku jaqa' fuq il-konvenut" ("**Joseph Aquilina -vs- Emmanuele Schembri**", Appell Civili, 24 ta' Jannar 1969);

Issa fil-kaz prezenti l-appellanti jissottometti b' argoment mislut mid-decizjoni tal-Prim' Awla tat-3 ta' Ottubru 2003 in re "**Martin Bonello Cole -vs- Kummissarju tal-Pulizija *et***", illi stante li l-vettura ta' l-atturi giet stabbilita li kienet "*wreck*", l-ispiza inkorsa ghall-iggaraxxjar taghha ma setghetx titqies ragonevoli;

Fil-hsieb ta' din il-Qorti ghal dak li hu l-kaz prezenti l-fattispeci tieghu huma ben delinejati. Jirrizulta bhala fatt, mhux kontestat, illi l-attur kien, wara l-incident, halla l-karozza tieghu, fl-istat li kienet, parkeggjata fit-triq. Sussegwentement ghadda biex iqeghda f' garaxx ta' terz ghax kien kostrett jaghmel dan minhabba l-intervent tal-Kunsill tal-lokal li ordnalu jnehhiha mit-triq. Xejn kuntrarju ghal dak li qed jinghad ma jista' allura jingibed mis-sentenza citata mill-appellanti ghax ic-cirkustanzi ta' dak il-kaz ma kellhom x' jaqsmu xejn ma' dak prezenti. Provat li dawn ix-xorta ta' danni gew inkorsi bhala konsegwenza

diretta ta' l-incident, in principju r-rizarciment taghhom hu legalment dovut. Intqal a propozitu illi ghalkemm hu veru li d-danneggjat ghandu d-dmir li jaghmel dak li huwa ragonevoli biex inaqqas il-hsara, ma hux obbligat li jitghabba b' pizijiet biex inaqqas dik l-istess hsara. Ara "**Antonio Mallia -vs- Catherine Moore**", Appell Civili, 26 ta' Novembru 1954;

Maghdud dan, il-Qorti hi tal-fehma illi ma kellux jigi rriversat fuq l-appellanti l-ammont kollu reklamat ghall-igaraxxjar tal-vettura. Dan qed jigi rilevat ghaliex ghalkemm hu veru li giet esebita fattura datata 2 ta' Frar 2005 (fol. 35) rapprezentanti s-somma ta' sitt mija u sebgha u tmenin lira (Lm687), jidher imbaghad mir-ricevuta fiskali datata 21 ta' April 2005 (fol. 55) illi l-ammont ta' kera effettivament imhallas kien dak biss ta' erba' mitt lira (Lm400). F' dawn ic-cirkustanzi din il-Qorti ma tarax li hu gust li l-appellanti ghandu jitghabba bid-differenza meta l-hlas effettiv ta' din l-istess differenza bejn iz-zewg ammonti ma jinsab sopportat minn ebda dokument jew ricevuta. Huwa xieraq ghalhekk illi l-ammont likwidat bis-sentenza jigi ridott bis-somma ta' mitejn u sebgha u tmenin lira (Lm287);

Bit-tieni aggravju l-Qorti hi msejha tinvesti l-punt jekk il-kap ta' l-ispejjez giex sew definit. Salv il-principju li jinsab dispost fl-Artikolu 223 (1) tal-Kapitolu 12 ghal kaz tas-sokkombenza ma jistax ikun dubitat illi in materja ta' spejjez gudizzjarji jistghu jezistu cirkustanzi partikulari fejn il-Qorti jkollha, b' gustizzja, tiddipartixxi minn dak il-principju jew tordna t-temperament tieghu. B' illustrazzjoni ta' dan jinsab ritenut illi l-Qorti ma tharisx biss lejn l-ammont li fih il-parti tkun baqghet telliefa jew sokkombenti imma tqis ukoll fatturi ohra. Ad ezempju, meta l-konvenut ikun baqa' sokkombenti f' xi eccezzjonijiet li jkun issolleva jew fil-kaz li dan ma jkunx ghamel ebda depozitu ta' l-ammont minnu offrut b' rizarciment, b' rizerva li jintegra dak l-istess depozitu. Ara f' dan is-sens **Kollez. Vol. XLI P I p 641**. Jista' jittiehed ukoll qies tal-fatt illi l-attur ikun ghadda ghall-azzjoni

minghajr ma jkun ta l-opportunita` lill-parti avversa biex tirrimedja, anke jekk dwar dan, kif rilevat mill-appellat, ma hemm ebda precett fil-ligi f' din id-direzzjoni. Kollox hu mholli fil-gudizzju prudenzjali tal-Qorti;

Fl-ambitu ta' dak li appena nghad u tal-konsiderazzjoni tar-riduzzjoni superjorment maghmula, din il-Qorti hi ta' l-opinjoni illi s-sentenza appellata ghandha tigi riformata anke fir-rigward tal-kap ta' l-ispejjez. B' mod approssimattiv din il-Qorti jidhrilha li erba' kwinti (4/5) mill-ispejjez ghandu jbatihom l-appellanti waqt li kwint (1/5) taghhom jigu sopportati mill-atturi appellati.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' l-appell fis-sens li qed tirriforma s-sentenza appellata billi tirreduci l-ammont kanonizzat ghal elfejn hames mija u tlettax-il lira Maltija (Lm2513), bl-imghax kif mitlub fuq din is-somma. Tirriforma wkoll il-kap ta' l-ispejjez taz-zewg istanzi billi tiddisponi li erba' kwinti (4/5) taghhom jitbatew mill-konvenut appellant u r-rimanenti kwinta (1/5) parti mill-atturi appellati.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------